

Brussell, 21 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

13887/25

ACP 102  
WTO 90  
COASI 122  
RELEX 1279  
UD 231

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tissupplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 u tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fir-rigward tal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw - Adozzjoni

---

1. Fil-31 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2059 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II għall-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fir-rigward tal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP, bi qbil mal-Kummissjoni, eżamina proposta ta' kompromess emendata tal-Presidenza u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fis-7 ta' Ottubru 2025.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissupplimenta d-Deċiżjoni (UE) 2020/2059 u tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim Interim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Istati tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra, rigward l-emendar ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll II dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva, fir-rigward tal-akkumulazzjoni ma' pajjiżi ġirien li qed jiżviluppaw, kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 13883/25 + ADD 1;
- jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;
- jordna li d-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ UE-Paċifiku, ladarba tiġi adottata, tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali;
- jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.